MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 369/2013

**Gerald Buhagiar**
**vs**
**Aaron Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-26 ta’ Novembru 2013 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata ghad-danni li kkagunalu meta fit-3 ta’ Gunju, 2011 fil-fabbrika tas-socjeta’ B4 Textiles, Fgura ikkagunalu feriti gravi u permanenti f’wiccu.

Id-danni m’ghandhomx jeccedu l-hamest elef ewro [€5,000].

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-15 ta’ Mejju 2013 u l-imghax relattiv sad-data tal-hlas effettiv.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar il-11 ta’ Dicembru 2013 skond ir-riferta

mahruga mill-Purtier Marco Bonnici esebita fl-atti a fol. 5 tal-process, izda baqa’ kontumaci u ma pprezenta l-ebda risposta.

Semghet lill-attur jixhed fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2014 limitatament dwar id-danni li huwa qed jirriklama minghand il-konvenut, tant li huwa pprezenta nota biex jissostanzja l-quantum tad-danni li qed jippretendi. Spjega illi huwa twieled fl-20 ta’ Novembru 1959 u ghalhekk fil-jum tal-incident fejn korra waqt ix-xoghol fit-3 ta’ Gunju 2011 huwa kellu wiehed u hamsin sena, hames xhur u sbatax-il jum u konsegwentement kien ghad fadallu granet lavorattivi fl-ammont ta’ tlettax-il sena, sitt xhur u tlettax-il jum. Ikkonferma illi s-salarju baziku, kif del resto jirrizulta minn Dok 1, huwa kellu €728 fix-xahar u ghaldaqstant peress li kien intitolat li jahdem ghal tlettax-il sena u nofs ohra, meta l-Qorti timmultiplika s-salarju mensili tieghu ghal tlettax il-sena u nofs tirrizulta s-somma globali ta’ mija u sbatax-il elf, disgha mija u sitta u tletin ewro (€117,936) [€728 x 12-il xahar x 13.5 sena = €117,936]. Illi huwa ghandu dizabilita’ ta’ 3% skond certifikat rilaxxjat mill-konsulent ortopediku Raymond Aquilina (Dok 2), ghalhekk dan il-percentagg ta’ 3% ghandu jigi mahdum fuq is-somma globali ta’ €117,936 li jammonta ghal tlett elef, hames mija u tmienja u tletin ewro u tmien centezmi (€3,538.08) u dan huwa l-*lucrum cessans* li qed jippretendi l-attur.

Dwar id-damnum emergens l-attur jispjega li huwa kellu konsulta mal-konsulent ortopediku fil-5 ta’ Settembru 2013 fejn halsu s-somma ta’ erbghin ewro (€40) kif jirrizulta mid-Dok 3 tal-process. Oltre dan, huwa hallas is-somma ta’ mija u sittin ewro (€160) ghar-rapport esebit fl-atti datat 19 ta’ Settembru 2013 (Dok 4). Nefaq ukoll erbghin ewro (€40) zjara fl-isptar St James skond Dok 5 u l-ammont ta’ hamsa u disghin ewro u tmien centezmi (€95.08) ghal medicinali skond ircevuti esebiti fl-atti u mmarkati Dok 6. Kollox ghalhekk bhala damnum emergens huwa qed jippretendi tliet mija u hamsa u tletin ewro u tmien centezmi (€335.08).

Il-Qorti rat li dawn iz-zewg ammonti ta’ €3,538.08 u €335.08 m’humiex kontestati u ghalhekk bhala danni l-attur sofra s-somma globali ta’ tlett elef, tmien mija u tlieta u sebghin ewro u sittax-il centezmu (€3,873.16)

**Ghaldaqstant toqghod tghid il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma likwidata minnu fl-ammont ta’ tlett elef, tmien mija u tlieta u sebghin ewro u sittax-il centezmu (€3,873.16) u l-interessi fuq din is-somma ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum tal-likwidazzjoni.**

**L-ispejjez tal-kawza inkluz dawk konnessi mal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Mejju 2013 jibqghu a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------